# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 25 ta' Gunju 2001**

**Avviz. numru 313/01**

**Numru 32**

**United Acceptances Finance Limited**

**vs**

**Paul Pace personalment u kif ezercenti fin-negozju Marfel Trading u Angele Pace bhala garanti solidali**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti fil-kwalitajiet premessi ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija erbgha u tmenin liri Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu, (Lm484.24) import ta' kambjali mill-konvenuti iffirmati u accettati, kopji ta' liema kambjali jinsabu annessi mal-avviz u mmarkati "Dok "1" sa "9", liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante li gew interpellati sabiex ihallsu.

Bl-imghaxijiet mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittra ufficjali kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi dokumenti a fol 2 sa 10 l-istess tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, l-istess konvenuti naqsu u ma dehrux fit-13 ta' Gunju 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti fil-kwalitajiet taghhom premessi sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm484.24,0 bl-imghaxijiet legali mid-data ta' skadenza ta' kull kambjala annessa mal-atti sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali msemmija fl-avviz.

Alan Calleja
Dep.Reg